# *L-ISTORJA TAL-FAMILJA BUGEJA...... U R-RABTA MAL-FLORIANA*

***Bil-kortesija u l-permess ġentili tal-PIN (Pubblikazzjonijiet Indipendenza) u ta' l-awtur innifsu s-Sur Joseph Vella Bondin, qegħdin nirriproduċu siltiet mill-ktieb IL-MUŻIKA TA' MALTA FIS-SEKLI DSATAX U GĦOXRIN. Dan il-ktieb jaħbat il-volum numru dsatax (19) fis-sensiela KULLANA KULTURALI.***
***F'din ir-riproduzzjoni, qegħdin nillimitaw ruħna biss għal siltiet dwar il-familja (dinastija) BUGEJA,il-familja li kkomponiet, mexxiet u li għadna ngawdu l-mużika tagħha fil-festa tagħna.***

## PIETRO PAOLO BUGEJA


**Pietro Paolo Bugeja**

Il-ftuħ tas-seklu dsatax ra lil Pietro Paolo Bugeja [10] jilħaq il-quċċata tal-karriera mużikali tiegħu u jiret it-tron li tbattal mal-mewt ta' Francesco Azzopardi. Mhux biss ġie magħżul *maestro di cappella* taż-żewġ katidrali minfloku imma wkoll sar l-aktar kompożitur [11] importanti tal-ġenerazzjoni ta' warajh.
Għalkemm ix-xogħlijiet tiegħu liturġiċi [12] huma fl-idjoma klassika ta' żmienu u għandhom bażi strettament operistika fejn il-vuċi solista tiddomina f'ħafna minnhom, tinħass fihom il-prudenza ta' użanzi aktar antiki u r-rispett mistħoqq lill-Essri Divin fil-mużika. Dawn jidhru l-aktar fl-orkestrazzjoni sottili u kiebja li juża fejn l-istrumenti brillanti tar-ram, bħat-trombi, rari biex jidħlu. L-istrumenti tal-korda huma l-bażi ta' l-orkestrazzjoni u f'ħafna xogħlijiet il-vjolini, li Bugeja dejjem juża b'mod brillanti imma xieraq, huma l-fus biex joħloq intermezzi attraenti li jikkontrastaw mal-mixja tal-vuċi jew kor. Forsi l-aħjar żewġ xogħlijiet li juru dawn il-kwalitajiet u li għadhom jindaqqu sal-lum huma l-innu *O Salutaris Hostia* miktub fl-1798 għal kor imħallat, żewġ vjolini, żewġ obwi, żewġ korni, u baxx (orgni) u r-*Recordare*. Dan l-ispartit ikkomponieh fl-1800 fuq it-test tal-ħames lamentazzjonijet ta' Ġeremija : "Ftakar, Mulej, xi ġralna, ħares u ara l-għajb tagħna", test li ħafna kompożituri, kemm Maltin kif ukoll barranin, għażlu li jimmużikaw, forsi minħabba l-kwalitajiet poetiċi, drammatiċi, u patetiċi qawwija tiegħu. Dak ta' Bugeja hu eżempju sabiħ ta' *cantata da chiesa* Taljana ta' l-aħħar tas-seklu tmintax. Hu miktub għal organiku ta' vjolin prim, vjolin sekond, orgni *continuo*, u vuċi. Il-vuċi tista' tkun jew ta' tenur jew ta' baxx u Bugeja jipprovdi l-varjazzjonijiet meħtieġa biex ix-xogħol ikun jista' jitkanta minn baxx. Iżda l-intenzjoni tidher li kienet xogħol għal tenur għax hu fil-linja vokali tiegħu li hemm il-melodija bis-sbuħija kollha tagħha. Allura l-alternattiva tal-baxx hi offruta għal sitwazzjoni fejn tenur b'mezzi vokali adatti ma jkunx disponibbli.
Ix-xogħol hu maqsum f'erba' partijiet, kull parti magħquda ma' ta' qabilha b'tema brillanti ta' erba' battuti li jindaqqu mill-vjolin prim:
F'kull waħda mill-erba' partijiet, it-tenur ikanta melodija differenti. Ix-xogħol jiftaħ b'reċitattiv qasir u jagħlaq b'koda li tirrepeti xi ideat ta' l-introduzzjoni. Jista' jitqies bħala wieħed mill-kapulavuri tal-wirt kulturali Malti, kreazzjoni mill-aqwa li għadha tgawdi l-popolarità sal-lum. Sfortunatament matul iż-żmien

# IL-PARTKURA TA' L-ANTIFONA PER SAN PUBLIO




sar editjar biex ix-xogħol isir aktar 'operistiku' u drammatiku fil-moda li bdiet tiddomina l-mużika ekkleżjastika fil-peri2jodi ta' wara. Pereżempju, kif jitkanta daż-żmien, it-tenur jagħlaq ix-xogħol isir b'kadenza li mhix fl-ispartit kif oriġina. B'hekk xi intuwizzjonijiet tal-kompożitur intilfu u x-xogħol tilef xi ftit mir-'reliġjożità' li tah, għalkemm ma jistax jiġi miċħud li sar aktar drammatiku.

Fuq ix-xhieda ta' xogħlijiet bħall- *O Salutaris Hostia* u r-*Recordare*, għal Bugeja japplika l-kliem li ntqal dwar Salvatore Rispoli: kompożitur " ta' ħila u gosti tajba li jgħaqqad ma' l-istudju bir-reqqa tal-mużika tal-passat il-virtwożità ta' dik moderna". [13]

Pietro Paolo twieled il-Belt Valletta fid-29 ta' April, 1772. Wara l-ewwel studji mużikali ma' Francesco Azzopardi, mar Napli biex ikomplihom fl-istess *Conservatorio* fejn kien studja Azzopardi, dak ta' Sant' Onofrio a Caruana. Kien hemm bejn l-1791 u l-1797 u l-*maestri* tiegħu kienu Giacomo Insanguine (1728-1795), [14] Giovanni Furno (1748-1837) u Salvatore Rispoli (c. 1740-1812). Milli jidher f'Napli għamel xi żmien ukoll iservi ta' *maestro di cappella* tal-knisja ta' San Ivo, post li probabbli ngħatalu bil-għajnuna ta' Azzopardi li kien magħruf sewwa f'dik il-belt fejn għex bejn l-1763 u l-1774.

Wara l-14 ta' Awissu, 1798, Bugeja kien l-assistent ta' Azzopardi, bid-dmirijiet tiegħu fil-konkatidral ta' San Ġwann waqt l-imblokk tal-Franċiżi fil-Belt Valletta. Mal-mewt ta' Azzopardi li ġrat fis-6 ta' Frar, 1809, inħatar maestro tal-katidral ta' l-Imdina u *maestro* u organista ta' San Ġwann, b'salarju ta' 360 skud fis-sena.

Kien fi żmienu, li bid-digriet tal-Papa Piju VII tas-27 ta' Jannar, 1816, saret uffiċjali l-elevazzjoni ta' San Ġwann għad-dinjità ta' konkatidral [15]. Kien minn issa li l-Kapitlu beda jikkonsidra serjament jekk kellhiex tarġa' titwaqqaf *cappella di musica* fissa dan it-tempju bħal dik li kellu fi żmien l-Ordni. Qabel, għal kull festa solenni li kienet tiġi ċċelebrata hemm, Bugeja kien iqabbad l-istrumentalisti u l-kantanti meħtieġa li l-Kapitlu kien iħallas skond il-kont. Fil-laqgħa kapitulari tal-5 ta' Mejju, 1816, ġie deċiż li Bugeja, mas-salarju tiegħu ta' 360 skud, jiġi mogħti wkoll 350 skud biex iqabbad tal-fiss u jħallas organista, sopran jew kontralt,[16] tenur, u baxx biex ikantaw fil-festi li jsiru hemm. Għall-festi solenni kellu jitkompla bħal qabel. Din is-sistema ma nstabitx sodisfaċenti u waqt laqgħat kapitolari kemm-il darba ssemma l-isparparjar ta' flus li kienet qed iġġib. Pereżempju fl-1817 intefqu għall-mużika tal-konkatidral 1339 skud, fl-1819 intefqu 1035 skud u fl-1821 intefqu 910 skudi [17]. Il-Kapitlu kien jaqbel li biex dan ma jkomplix isir kien hemm bżonn li titwaqqaf *cappella di musica*, b'organiku salarjat, bil-festi li fihom kellha tieħu sehem determinati minn qabel u bid-dmirijiet ta' kull membru tagħha magħrufa wkoll minn qabel. Imma kien ftit qabel Diċembru ta' l-1831, li din il-Kappella twaqqfet u f'dak iż-żmien, Pietro Paolo Bugeja ma kienx aktar *maestro di cappella* tal-Kapitlu. Kien miet fit-12 ta' Ġunju, 1828, fl-età ta' sitta u ħamsin sena.

## IL-KAPPELLA BUGEJA

L-istima li ġabitlu l-ħatra ta' *maestro di cappella* tal-Katidral, il-kapaċità li kellu biex jagħmel mużika ta' livell għoli, il-kompożizzjonijiet sbieħ li kien jikteb u jsamma', ħajru knejjes oħra biex jitolbuh jagħmlilhom il-mużika fil-festi ewlenin. Hekk kienu wkoll jagħmlu fi żmien Zerafa u Azzopardi imma fi żmien dawn it-tnejn kien hemm ukoll il-*maestri* tal-knisja konventwali li knejjes oħra setgħu, u meta jidhrilhom kienu wkoll, iqabbdu. Fi żmien Bugeja ma kienx hemm din l-alternattiva.

Kienet spiċċat id-distinzjoni tas-seklu ta' qabel ta' cappella di musica tal-Knisja Maltija u ta' *cappella di musica* ta' l-Ordni ta' San Ġwann li kienet tagħti lill-kappillani u l-prokuraturi tal-festi l-vantaġġ li jistgħu jagħżlu jew waħda jew oħra. Dan il-vantaġġ tilfuh meta l-Franċiżi f'Malta kienu żarmaw il-kappella mużikali ta' San Ġwann u l-Kapitlu qata' li ż-żewġ katedrali ried ikollhom *maestro* wieħed. Kien hemm *maestri* oħra ta' kapaċità imma dawn ma kellhomx il-prestiġju tal-Katidral. Allura numru dejjem jikber ta' knejjes bdew ifittxu s-servizzi ta' Bugeja.

Eżempji huma l-parroċċa taż-Żejtun [18], il-parroċċa taż-Żurrieq[19], il-parroċċa tal-Mosta, [20] il-matriċi ta' Santa Marija, Għawdex [21], u l-parroċċa ta' Porto Salvo fil-Belt Valletta [22]. Sejħa biex surmast jieħu ħsieb il-mużika ta' xi festa mhux bilfors kienet tfisser ħatra permanenti bħala *maestro di cappella* tal-knisja fejn saret dik il-festa. Sa l-ewwel deċennji tas-seklu dsatax, ħafna knejjes kienu jippreferu, kif kienu jagħmlu fis-seklu ta' qabel, li jaħtru *maestro di cappella* minn sena għal sena u skond il-festa. Fil-knejjes li semmejna, nafu fiż-żgur li Bugeja għamel il-festa titulari fiż-Żejtun fl-1818, fiż-Żurrieq bejn l-1815 u l-1824, fil-Mosta bejn l-1809 u l-1814 kif ukoll fl-1826, fil-Matriċi ta' Għawdex fl-1815 u fl-1827. Kien biss f'Porto Salvo li l-ħatra tiegħu kienet regolari u din x'aktarx bdiet ftit wara li rritorna minn Napli fl-1798 [23].

Imbagħad kien hemm ukoll il-problema tal-finanzi. Fl-ewwel ħamsin sena tal-ħakma Ingliża f'Malta kien hawn faqar kbir,[24] u l-ġbir għal xi festa dejjem iddependa minn kemm il-parruċċani kienu jistgħu jwarrbu, bil-preferenza tingħata lill-festa titulari. Allura mhux kull sena festa setgħet issir bl-istess pompa. Fi żmien ta' għaks l-aktar li tbati kienet il-mużika minħabba li dejjem kienet tiswa ħafna.[25]

**O MELITAE DIGNA PROLES**

**O IBEN DENN TA' MALTA**

Biex ikun jista' jaqdi bl-aħjar mod u bl-anqas taħbit servizzi mużikali fi knejjes oħra, Pietro Poalo Bugeja għamel kif kienu jagħmlu Zerafa u Azzopardi meta huma wkoll kienu jingħataw dawn il-kummissjonijiet. Huma kienu jagħżlu kantanti u strumentalisti li kienu jaħdmu magħhom fil-Kappella tal-Katidral ta' l-Imdina. Dawn, barra li kienu fost l-aħjar mużiċisti fil-pajjiż, kellhom il-vantaġġ ukoll li kienu jkunu jafu sewwa kemm lilhom bħala surmastrijiet u kemm il-kompożizzjonijiet tagħhom. Il-mużiċisti kienu jgawdu wkoll il-prestiġju li kien jagħtihom l-impjieg li kellhom u b'hekk il-parruċċani kienu jkunu jistgħu jiftaħru li l-mużika li kienet tinstema' fil-knejjes tagħhom kienet l-aqwa li sata' jkollhom għax kienet tal-Katidral.

Bugeja kellu l-vantaġġ li seta' jagħżel mill-mużiċisti mhux biss tal-Kappella tal-Katidral, kif kellhom jagħmlu Zerafa u Azopardi, iżda wkoll minn dawk li kien iqabbad għall-konkatidral.[26] Il-mużika ta' Bugeja kienet tinstema' fiż-żewġ katidrali u din il-mużika kisbet importanza bħala l-mużika ta' Bugeja u mhux għax kienet il-mużika li kienet tinstema' fil-katidrali. Il-*Cappella* Bugeja kienet organiku mużikali marbut mhux ma' xi knisja partikolari kif kienu marbuta l-*cappella di musica* tal-katidral ta' l-Imdina u l-*cappella di musica* tal-knisja konventwali imma mal-mużika ta' Pietro Paolo Bugeja u l-kompożituri tal-familja Bugeja li ġew warajh.[27] B'hekk il-Cappella Bugeja kienet istituzzjoni mhux fit-tradizzjoni normali tal-Kappelli mużikali għax dawn kienu jkunu marbuta ma' knisja waħda u għall-użu tagħha biss, imma kienet tmur minn knisja għal oħra kull fejn tkun sejra ssir mużika ta' Pietru Paolo Bugeja u tal-kompożituri tal-familja Bugeja li ġew warajh. It-tmexxija tal-*Cappella* Bugeja kienet f'idejn il-membri tal-familja Bugeja u kienet tintiret minn ġenerazzjoni għal oħra, kif tintiret xi propjetà. Sa fejn hu magħruf, il-*Cappella* Bugeja u Kappelli oħra li nħolqu warajha fuq l-eżempju tagħha [28] huma għamla ta' istituzzjoni partikolari għal pajjiżna.

Istituzzjonijiet ta' pajjiż huma mera tas-soċjetà li tagħtihom il-ħajja u żżommhom ħajjin. Kienu ħafna l-fatturi soċjali Maltin li kkontribwew biex jinħoloq dan it-tip ta' istituzzjoni mużikali. L-aktar importanti hu marbut ma'kif kompożitur sata' jaqla' l-għajxien tiegħu f'Malta. Dejjem kellu jistrieħ fuq żewġ mezzi ewlenin, normalment billi jgħaqqadhom flimkien - fuq dak li jdaħħal mit-tagħlim tal-mużika [29] u fuq dak li jdaħħal mill-prattika tal-mużika, l-aktar bħala *maestro di cappella* u direttur orkestrali jew bandistiku.[30] Mill-kompożizzjonijiet ftit li xejn [31] għalkemm ħafna darb waħda mill-kundizzjonijiet marbuta ma' l-impjieg ta' *maestro di cappella* kienet il-kitba ta' xogħlijiet ġodda għall-knisja li tathulu, biex b'hekk il-kompożizzjoni ma tibqax fenomenu astratt imma punt eżatt ta' riferiment ċert tal-kapaċità kreattiva tiegħu. Iżda l-kompożitur dejjem tħallas, meta jitħallas, mhux talli kiteb il-mużika imma talli esegwieha.[32]

Għall-kompożitur Ewropew maż-żmien infetħu toroq oħra ta' qligħ ta' flus, l-aktar importanti kienet il-kompożizzjoni ta' l-opra. Kif jikteb Gerard Abraham: "L-iffinanzjar ta' l-opra dejjem kien problema kbira, iżda fejn għandu x'jaqsam il-kompożitur, l-opra kienet il-forma ta' kompożizzjoni l-aktar imħallsa.[33] Minħabba raġunijiet diversi,[34] il-kompożitur Malti ġie effettivament eskluż f'pajjiżu stess mit-teatru ta' l-opra u dan il-mezz ta' qligħ ta' flus kien magħluq għalih.[35] L-ispazju l-aktar qrib it-teatru ta' l-opra, il-kompożitur Malti sabu fil-knisja li jispjega wkoll għaliex fis-seklu dsatax, il-mużika ekkleżjastika f'idejn il-kompożituri Maltin saret daqshekk operistika. Il-knisja Maltija tat lill-kompożitur Malti mhux biss il-possibbiltà li jaqla' l-għajxien, imma wkoll il-fama u l-istima mill-poplu. F'pajjiż żgħir bħal Malta, b'ħafna limitazzjonijiet finanzjari, soċjali, u professjonali, l-opportunitajiet ta' ħdima fil-mużika dejjem kienu ftit u l-mużiċisti li rnexxielhom jirbħu l-attenzjoni u t-tifħir tal-poplu wisq anqas.

Allura ħaġa normali li meta kompożitur jibni patrimonju ta' kompożizzjonijiet imfaħħra, isib għajxien tajjeb mill-mużika fil-knejjes u jakkwista l-fama u r-rispett tal-poplu, jipprova jgħaddi dak li jkollu lil ibnu, l-aktar jekk ibnu juri t-talent meħtieġ. Hekk għamel Pietro Paola Bugeja u hekk għamlu kompożituri li rnexxielhom jimxu fuq dak li għamel hu.

Kien it-tieni tifel ta' Pietro Paolo Bugeja, Vincenzo, li twieled fid-29 ta' Ottubru, 1805, li ġie mżejjen bit-talent meħtieġ biex l-ewwel jgħinu fit-tmexxija u mbagħad jiret il-Kappella.

## VINCENZO BUGEJA


Vincenzo Bugeja

Vincenzo Bugeja [36] beda jistudja l-mużika ma' missieru u mill-ewwel wera l-predispożizzjoni li kellu għaliha. Missieru ħarrġu wkoll fit-tmexxija tal-mużika fil-knejjes u fil-15 ta' Ġunju, 1828, tliet ijiem biss wara l-mewt ta' Pietro Paolo, inħatar *maestro di cappella* taż-żewġ katidrali. Milli jidher il-ħatra kienet b'kundizzjoni li jipperfezzjona xogħlu f'Napli. Sakemm saru l-arranġamenti meħtieġa kompla jaqdi l-kummissjonijiet biex jagħmel il-mużika ta' missieru. Hekk f'Awissu ta' l-1828 insibuh f'Għawdex fil-Matriċi għall-festa ta' Santa Marija meta kien imsejjaħ *maestro di cappella*.[37] Ftit qabel ma mar Napli, fil-bidu ta' Frar 1829, kiteb *Tantum Ergo*. [38]

Il-Kapitlu naturalment għamel l-arranġamenti meħtieġa biex il-Kappella ma tibqax mingħajr surmast tul is-safar tiegħu. Inħatar Don Raffaele Pepi biex iservi ta' *maestro interino*. Milli jidher din il-ħatra ma kinitx l-aħjar possibbli għax, minħabba saħħtu, Pepi ma setax jaqdi dejjem id-dmirijiet li daħal għalihom. Kien l-organista, Don Giuseppe Principato, [39] li kellu jidħol minfloku. Iżda Principato nnifsu kien biss organista supplenti ta' dak li kellu l-kariga uffiċjali, Aurelio Micallef, u għalhekk bir-raġun kollu pprotesta mal-Kaptilu li s-salarju li jdaħħal ma kienx ibbażat fuq id-doveri wesgħin li kien qed iwettaq. Għalkemm marid, f'Diċembru ta' l-1831, wara li ma baqax aktar *maestro interino*, Don Raffaele Pepi ġie maħtur organista tal-konkatidral, kariga li dam fiha sal-11 ta' Novembru 1838, meta miet. [40]

F'Napli, Vincenzo Bugeja studja fejn kien studja missieru, fil-*Conservatorio San Pietro a Majella (Collegio Reale di Musica)*, u l-*maestri* tiegħu kienu Giovanni Furno, li kien għallem ukoll lil missieru, u Francesco Ruggi (1767-1845) u Pietro Raimondi (1786-1853), tnejn mill-aqwa kontrapuntisti ta' żmienhom, u Niccolò Antonio Zingarelli. Ma jistax jonqos li taħt dan ta' l-aħħar, kompożitur ewlieni ta' l-opra fl-aħħar għoxrin sena tas-seklu tmintax u fl-ewwel kwart tas-seklu ta' wara, [41] l-opra Naplitana kienet mogħtija preferenza fit-tagħlim tal-kulleġġ. Irritorna Malta f'Settembru ta' l-1831. X'aktarx li f'Napli, kien beda jaħdem fuq l-opra f'żewġ atti *Lodoiska*, melodramma semi-serio, b'librett ta' Francesco Malagricci,[42] li saret it-Teatru Manoel bħala l-ewwel spartit tar-rebbiegħa tas-sena 1832. [43] Fost l-interpreti li kellha nsibu erbgħa mill-aqwa kantanti li qatt ħadmu f'Malta - is-sopran Camilla Darbois, it-tenur Filippo Tati, il-baritonu Carlo Leonardis u l-baxx Francesco Malgricci, l-awtur tal-librett. Minħabba l-akkoljenza kbira u l-intuwizzjonijiet mużikali sbieħ li kellha Lodoiska ġiet imtellgħa wkoll fl-istaġun ta' wara u minħabba dan is-suċċess kulħadd stenna aktar opri mill-kompożitur, iżda jekk jitwarrbu żewġ tentattivi oħra li baqgħu bla mitmuma, [44] *Lodoiska*

tibqa' l-opra waħdanija kompluta ta' l-awtur.
Ir-raġuni probabbli hi l-impenn dejjem jiżdiedlu fil-mużika liturġika. Fid-9 ta' Ottubru, 1831, il-Kapitlu sa fl-aħħar qabel dwar it-twaqqif ta' *cappella di musica* ġdida għall-konkatidral b'nefqa ta' 785 skud fis-sena u b'organiku ta' kontralt, żewġ tenuri, baxx, organista, tliet vjolini, klarinett, flawt, tromba, vjolinċell, u kuntrabaxx. Il-Kapitlu wkoll iffissa ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li l-Kappella kellha tieħu sehem fihom - tnejn u tletin solennità, xi quddies bħala anniversarji, u l-funzjonijiet kollha stroardinarji.[45] Sa l-aħħar tas-sena l-Kappella ġdida bdiet tiffunzjona. Il-piż tat-twaqqif u d-direzzjoni naturalment kienu dmir ta' Vincenzo Bugeja. Ried ukoll jikkomponi x-xogħlijiet meħtieġa fosthom l-antifona *Ingresso Zaccharìae* ta' l-1839 li baqgħet waħda mill-aqwa kompożizzjonijiet tiegħu, xogħol ta' ispirazzjoni sublimi.
Ried ukoll ilaħħaq mal-Kappella tal-katidral li, ma jistax jonqos, kienet tipparteċipa f'numru kbir ta' funzjonijiet ekkleżjastiċi. Imbagħad kellu wkoll il-*cappella* Bugeja x'jieħu ħsieb. Hekk, fiż-Żurrieq, insibuh imexxi l-mużika tal-festa titulari bejn l-1838 u l-1840. [46] Fiż-Żejtun għamel il-mużika mill-anqas fl-1836 u fl-1837. [47] Fl-1839, ġie msejjaħ biex jagħmel il-mużika fil-festa titulari tal-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta.[48] Kienet l-ewwel darba li *maestro di cappella* tal-Katidral u tal-parroċċa l-oħra tal-Belt Valletta, dik ta' Porto Salvo, ġie msejjaħ biex jagħmel dan. Milli jidher, Bugeja apprezza ħafna dan il-ġieħ għax kiteb antifona *Sancte Paule* li ħarġitlu kreazzjoni sabiħa immens. Kienet l-unika darba li dan il-kapulavur dewa mill-bini maestuż u storiku tal-Kolleġġjata.
Is-sena ta' wara, l-1840, kien surmast komparattivament ġdid li semma' l-antifona ġdida tiegħu hemm. Dan is-surmast kien Dottor Paolo Nani.

---

**NOTI U RIFERENZI**

10. L-aħjar tagħrif ġenerali dwar Pietro Paolo Bugeja u l-kompożituri tal-Familja Bugeja jinsabu fit-teżi ta' Micallef Rosemarie. *The Bugeja Musicians* (1989). Hemm ukoll tagħrif importanti dwaru fil-ktieb ta' Bruni Franco, (1993).
11. Il-biċċa l-kbira tal-manuskritti awtografi tal-produzzjoni tal-familja Bugeja tagħmel parti mill-arkivju mużikali tal-Provinċja Dumnikana Maltija miżmum fil-Kunvent tan-Nazzarenu, Tas-Sliema. Hemm ukoll oħrajn, inklużi kopji fl-arkivju mużikali tal-Mużew tad-Katidral.
12. Lista tal-produzzjoni eżistenti tista' tgħid kollha ta' Pietro Paolo Bugeja qiegħda fit-teżi ta' Micallef Rosemarie. *The Bugeja Musicians* (1989), pp. 80-84.
13. Ikkwotata f'*The New Grove, s.v.* "Rispoli, Salvatore".
14. Li qabel kien student fl-istess konservatorju tal-Malti Girolamo Abos.
15. L-informazzjoni li ġejja hi bbażata fuq dak li kiteb Bruni Franco *Musica Sacra a Malta* (1993), l-aktar pp. 19-25, 36-46.
16. Mhux magħruf jekk is-sopran kienx ikun kastrat veru jew raġel li kien ikanta bil-falsett. Fil-laqgħat kapitulari tas-16 ta'Jannar, 1843, u tas-27 ta' Mejju, 1859, issemmiet ukoll il-vuċi ta' sopran. Ara Bruni Farnco, 1993, pp. 102-104, 140-142. Il-produzzjoni tal-vuċijiet kastrati mill-konservatorji Naplitani naqset ħafna wara s-seklu tmintax iżda baqgħet għall-korijiet ta' l-istati papali. Waqfet għal kollox fl-1870 meta l-Italja ġiet magħquda. Ara *The New Grove, s.v.* "Castrato". Mhux magħruf jekk f'Malta kienx baqa' minnhom sa dik is-sena.
17. Eżempju ta' kif in-nefqa għall-mużika bdiet tonqos minħabba l-faqar li kotor fil-pajjiż. Ara nota 24 infra
18. Kanonku Abela Joe, (1993a) mhux innumerati.
19. Mangion Anthony u Karmenu Zerafa, (1989), p. 140, 227
20. Vella Bondin Joseph, (1994), p. 75.
21. Grech Grazio, A. (1989), p. 49-50.
22. Mifsud Bonnici Rob., (1950), p. 16.
23. Ikkompona *Inno per San Domenico* fl-1798. Kiteb ukoll *Responsori per San Domenico* fl-1808.
24. Fil-bidu tal-ħakma Ingliża, is-sitwazzjoni ekonomika kienet tajba, iżda wara l-1813, meta pesta tremenda ħakmet lill-pajjiż, l-affarijiet ħżienu għall-aħħar, b'faqar tremend kullimkien. Kien biss wara l-1850, meta kellna l-Gwerra tal-Krimea u l-ftuħ tal-Kanal ta' Swejż, li l-ekonomija rpiljat, u dan b'mod drammatiku. Ara Clare Arthur, G. '*Features of an Island* Economy' (1988) p. 126-154.
25. Pereżempju l-ħlasijiet li saru għall-mużika tal-festa titulari taż-Żurrieq varjaw ħafna fl-ewwel ħamsin sena tas-seklu dsatax. Hekk, bejn l-1810 u l-1815, l-ispiża kienet bejn wieħed u ieħor 110 skudi fis-sena. Imbagħad il-prezz beda jitbaxxa kull sena sa ma niżel għal 40 skud fl-1823. Aktar dettalji f'Mangion Anthony u Karmenu Zerafa (1989), pp. 137-140.
26. Jekk, naturalment, l-organiku sew strumentali u sew kantanti li kien iħaddem fil-konkatidral ma kienx tal-katidral.
27. Jekk tesegwixxi xogħlijiet ta' kompożituri oħra kienet tkun fuq deċiżjoni ta' xi maestro Bugeja stess.
28. L-aktar magħrufa huma l-Kappella Nani, il-Kappella Camilleri, u l-Kappella Diancono.
29. Hekk, fis-sekli li għadda Carmelo Pace qala' l-għajxien tiegħu billi kien għalliem privat tal-mużika. Kien b'dan il-mezz li ssussidja lilu nnifsu biex ikun jista' jikkomponi.
30. L-aktar eżempju magħruf hu Joseph Sammut li, fl-aħħar nofs tas-seklu għoxrin kien id-direttur ta' dik li saret l-orkestra tat-Teatru Manoel u d-direttur ukoll ta' diversi baned, fosthom il-Banda Leone ta' Għawdex.
31. Ħafna drabi strumentalista pur dejjem kien f'sitwazzjoni aħjar minn ta' kompożitur biex jaqla' l-għajxien tiegħu

- m'hemmx għalfejn ngħidu, wieħed modest ħafna mill-mużika.

32. Abraham Gerard , *The Tradition of Western Music* (Londra, 1974) pp. 84-89.
33. Ibid, p. 100.
34. "Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax" (2000) Kapitlu 7 Il-Bidu ta' l-Opra.
35. Meta nhadmu opri tal-Maltin il-kompożitur jew qala' xi ħaġa permezz ta' benefikata, jew ma tħallas xejn jew kellu jiffinanzja huwa stess b'telf il-produzzjoni tagħhom.
36. Barra minn dak li hemm fit-teżi ta' Micallef Rosamarie. (1989), pp. 13-24, l-aħjar tagħrif bijografiku dwar Vincenzo Bugeja jinsab fil-ktieb ta' Friggieri Oliver, (1997), pp. 40-57. Hemm ukoll il-ktieb ta' Anon: *Cenni storici sulla vita del maestro di capella Vincenzo Bugeja Maltese* (1861). Imma dan, biex ngħidu hekk, hu ta' natura filosofika u ftit li xejn jgħid dwar il-ħajja tal-kompożitur. Fih aktar tagħrif, għalkemm fil-qosor, dak li hemm fil-*Guida Generale di Malta* (1885), p. 190.
37. Grech Grazio A., (1989), p. 50.
38. Din il-kompożizzjoni hi l-ewwel waħda li nafu li kiteb. Ma naħsibx li kienet l-ewwel xogħol tiegħu għax diġà kellu tlieta u għoxrin sena meta kitibha. Waħda mill-problemi li riċerkatur isib dwar il-kompożituri tal-familja Bugeja hi li kull wieħed minnhom għandu numru sostanzjali ta' xogħlijiet mhux datati. Hekk, mill-ħamsa us ebgħin xogħol ta' Pietro Paolo Bugeja, sitta u tletin m'humiex datati. Mill-ħamsin ta' Vincenzo, għoxrin ma jġibux data. Mill-erbgħa u sittin ta' Riccardo, mhux datati huma disgħa u għoxrin. Figuri bbażati fuq il-lista ta' kompożizzjonijiet li tinsab fit-teżi ta' Micallef Rosemarie, (1989), pp. 80-87.
39. Dan twieled l-Isla u kien student ta' Francesco Azzopardi. Xi kompożizzjonijiet tiegħu jinsabu fl-arkivju mużikali tal-Mużew tal-Katidral, f'dak tal-Katidral ta' Għawdex u f'dak tal-kunvent tal-Karmnu, l-Imdina. Ara Bruni Franco, (1993), p. 95.
40. Bruni Franco, p. 25-26, 46, 95 s.v. "*Principato, Giuseppe, sacerdote*".
41. Għal aktar tagħrif, ara *The New Grove, s.v.* "Zingarelli, Niccolò Antonio".
42. Kantant baxx komiku b'mezzi vokali tassew kbar. Dam ħafna jgħix f'Malta, mill-anqas bejn l-1830 u l-1847 u kiteb numru ta' libretti għall-kompożituri Maltin, fosthom Vincenzo Bugeja, Alessandro Curmi u Paolo Nani.
43. Kif hemm miktub fuq il-librett, stampat fl-istamperija tal-Gvern. Kopja tinsab fil-Biblijoteka. Skond Miceli, l-ewwel rappreżentazzjoni saret ħamest ijiem qabel ma bdiet ir-rebbiegħa ta' dik is-sena, fil-15 ta' Marzu, 1832. Miceli Alfred. G. (1999), p. 47.
44. *Il Torneo* li tagħha hemm is-sinfonija u marco Botzaris li ma nafu xejn fuqha ħlief li tissemma fil-letteratura. Ara, pereżempju, Rolandi Ulderico, (Livorno, 1932) p. 59, s.v. "Bugeja Vincenzo".
45. Il-lista ddettaljata tinsab fil-ktieb ta' Bruni Franco: (1993), p. 44.
46. Mangion Anthony u Karmenu Zerafa: (1989), p. 140.
47. Kanonku Abela Joe. (1993a), mhux innumerat.
48. Friggieri Oliver, (1997) p. 43.

# MUŻIKA LITURĠIKA KONTROVERSJALI

## IL-KAPPELLI FL-EWWEL NOFS TAS-SEKLU DSATAX

U din il-mużika mill-ewwel qajmet kontroversja:

Nhar il-Ħadd, 17 ta' Diċembru 1843, festa ta' San Ivo miżmuma fil-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt Valletta smajna quddiesa (mużika ta' Paolo Nani).... miktub bi stil kompletament teatrali. Din tista' tkun manjiera ġdida kif tingħata qima lil Alla iżda għal semmiegħa ta' twemmin ieħor instemgħet aktar tajba għall-mogħdija ta' żmien milli għall-knisja. [11]

Waħda mill-akbar profonazzjonijiet li qed iseħħu fil-knejjes tagħna hi l-mużika li dwarha ilna biex nitkellmu.... Għadna ma nistgħux nifhmu kif l-isqof li għandu dmir jgħasses fuq dak kollu li jsir fil-knejjes għadu ma ħasibx biex jirrimedja għal dan l-iskandlu.... Kemm fugi teatrali tqiegħdu ħażin għall-kliem qaddis tal-quddiesa - kabaletti l-aktar ferrieħa f'*Miserere nobis* u sa kwadrilji f'*Tantum Ergo*! [12]

Il-mużika mill-aktar storbjuża li nstemgħet matul il-festa tal-Madonna tal-Karmnu ta' Lulju 1844 fil-Belt Valletta kienet ta' Dr Paolo Nani, F'waħda mill-ħarġiet ta' dan il-ġurnal konna tkellimna fuq il-mużika li biha qed nipprofonaw id-dar t'Alla u konna qed nalludu l-aktar għalih. L-orkestra kbira, li kellha wisq strumenti tar-ram, m'għamlet l-ebda armonija imma taħwid sħiħ. In-numru eċċessiv ta' vuċijiet tarrax il-widnejn u ma smajniex ħlief konfużjoni li stordiet lill-imsejkna fidili. Fil-mużika smajna valzi, kabaletti, u siltiet ta' mużika operistika adatti sagrilegament għall-kliem qaddis ta' l-aqwa misteri tar-reliġjon qaddisa tagħna.... Is-sur Nani li jiftaħar li hu avukat jista' jkun ma għandux ħila jifhem it-tifsira ta' dan il-kliem imbierek?... U l-isqof ma jgħid xejn?... Nisperaw li darba għal dejjem jitwaqqaf l-iskandlu ta' din il-mużika.[13]

Minn ftit taż-żmien ilu, meta dħalna f'xi knejjes għal xi solennità u smajna l-mużika li ndaqqet biex takkumpanja ċ-ċelebrazzjoni tar-riti sagri, ħassejna li għandna nweżqu f'qalbna kontra l-profonazzjoni li bdiet issir!... X'abbuż intollerabbli!... Ma nistgħux nifhmu kif awtorità mdawla għadha ma ħasbitx biex tirrimedja għal dan l-iskandlu li qed isir mingħajr l-ebda rimors quddiem l-artal t'Alla. [14]

Min-naħa l-oħra l-mużika ta' Vincenzo Bugeja ħlief tifħir ma kinitx qed taqla'. Is-surmast Bugeja (fil-festa ta' San Duminku miżmuma l-Belt Valletta fl-4 ta' Awissu, 1843 ma ħalla xejn x'nixtiequ la fl-għażla ta' vuċijiet fil-mużika tiegħu u la fil-kompożizzjonijiet skwiżiti minn tiegħu, speċjalment id-*Dixit* u l-Glorja u la fil-maestrija ta' l-eżekuzzjoni tiegħu. [15]

Il-mużikali akkumpanjat il-quddiesa tal-funeral [16] kienet dik tal-mejjet Pietro Paolo Bugeja, il-magħruf *maestro di cappella* tal-katidral, diretta minn ibnu s-Sur Vincenzo Bugeja, suċċessur denjissimu ta' missieru f'dik il-kariga ta' ġieħ. Il-mużika hi kapulavur ta' dan l-imsemmi professur ċittadin tagħna, u , fit-taħsir li minnu għaddejja l-mużika ekkleżjastika llum, tista' sservi ta' mudell għal xi wħud mis-surmastrijiet tagħna, li bil-ġibda li għandhom għal dak kollu teatrali, qegħdin sfortunatament jipprofonaw sikwit il-funzjonijiet sagri tagħna. L-interpretazzjoni, speċjalment tad-*Dies irae*, mill-mużiċisti mill-aktar bravi u esperti qanqlet il-qlub u ħarġet id-dmugħ mill-għajnejn. [17]

Il-*maestri di cappella* Vincenzo Bugeja għamel il-mużika (fil-festa ta' San Ġużepp f'Marzu 1844 fil-knisja ta' Ġieżu r-Rabat) li, minħabba l-istil verament ekklażjastiku, għax kienet gravi u maestuża, kabbret is-solennità taċ-ċerimonji sagri u żiedet il-ġabra reliġjuża u d-devozzjoni. [18]

Is-sitwazzjoni kif kienet qed tiżviluppa bilfors inkwetat lil Paolo Nani. Kien iżżewweġ lil Madalena Cuschieri fit-22 ta' Lulju, 1834, [19] u diġà kellu ż-żewġt itfal, Elvira u Anton, li kienu twildulu miż-żwieġ. Kien qed irabbi familja u għalkemm l-agħar snin tad-depressjoni li ħakmet lil Malta sa tmiem l-ewwel kwart tas-seklu dsatax kienu għaddew, iż-żminjiiet baqgħu ekonomikament diffiċli u għalhekk kull mezz ta' qligħ ta' flus kien importanti. [20] Fit-30 ta' Jannar, 1844, kiteb antifona oħra għall-festa ta' San Pawl Nawfragu li mużikalment kienet aktar fuq linji tradizzjonali. Forsi kienet tentattiv biex jikkonforma ma' dak li setgħet riedet il-knisja. Din l-antifona ma ġietx aċċettata mill-Kapitlu li baqa' jinsisti li fil-festa kellha titkanta dik oriġinali. [21]

*Sancte Paole* kienet l-ewwel antifona li saret l-aktar element imporanti fil-mużika liturġika tal-festa u li, aktar minn hekk, tat individwalità u identità lill-istess festa. Għadha sal-lum din l-għaqda intima tal-festa ta' San Pawl Nawfragu ma' din l-antifona u mingħajr din l-antifona l-festa solenni ta' San Pawl Nawfragu ma tkunx aċċettabli. [22]

Maż-żmien inħolqu antifoni oħra li bdew igawdu dan it-tisħib - insemmu bħala eżempji l-antifoni *O Melitae digna proles* (1844) 23 ta' Vincenzo Bugeja mal-festa ta' San Publju fil-Floriana: *Beatus Georgius* ta' *Paolo Fiamingo* mal-festa ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex; Gabriel Angelus ta' Lorenzo Gonzi mal-Lunzjata f'Ħal-Tarxien u *Hodie egressaest* ta' Carlo Diacono mal-Kunċizzjoni ta' Bormla. Din l-assoċċjazzjoni ta' antifona ma' festa u l-lok fejn issir hi fenomenu ta' Malta u aktar ma l-festa tkun qawwija aktar jidher li hemm din ir-rabta. Nistgħu ngħidu li l-*meastri di cappella* kienu jagħmlu ħilithom biex jikkomponu antifoni li tant jintgħoġbu li jsiru sinonimu mal-festi. B'hekk ikunu qed jassiguraw il-kontinwazzjoni ta' l-impjieg tagħhom f'dawk il-parroċċi li għalihom kitbuhom.

Ta' min jgħid li Nani ma kienx qed jikteb mużika intenzjonalment kontroversjali jew b'xi sfida diretta jew indiretta lejn l-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Anzi dak li nkiteb dwaru min-nies li kienu jafuh juri li kien bniedem reliġjuż u ta' twemmin sod. [24] Imma hu ma setax jikteb mużika differenti jew skond x'kien mistenni li għandha tkun mużika sagra. Il-mużika li kien jikteb kienet dik li tgħallem jikteb skond it-talent u l-fatturi psikoloġiċi u emottivi li twieled bihom. Il-kompożizzjoni hi kreattività li tiddependi ħafna mill-psike ta' min jiteb u l-karattru ta' Nani kien spontanju, żagħżugħ, emottiv, drammatiku, u jaf iħenn. It-totalità tal-personalità tiegħu hi fil-mużika li kiteb. Tesprimi bl-aħjar mod possibbli dak li kien hu u l-mod kif kien jara r-reliġjon nisranija, mhix xi att melankoniku imma persważjoni ta' ferħ.

Minkejja kull kontroversja, il-mużika ġibdet is-simpatija mhux biss tal-Kapitlu ta' San Pawl Nawfragu imma ta' knejjes oħra u ta' ħafna nies u, jekk il-ġurnali komplew ifaħħru dik ta' Vincenzo Bugeja, ta' Nani wkoll bdiet tiġbed kliem sabiħ.

Is-surmast Vincenzo Bugeja għamel il-mużika (fil-festa tal-Bambina fl-Isla f'Settembru, 1845) li ħadu sehem fiha orkestra kbira u wħud fost l-aqwa professuri. L-istess Bugeja u s-sinjuri Del Riccio [25] u Luigi Grech [26]

kienu ġentilment irregalati mill-prokuratur b'bukkett sabiħ ta' fjuri artifiċjali.[27]
Fil-*primi vespri* (tal-festa ta' Korpus Kristi ta' Mejju, 1856, miżmuma fil-knisja ta' San Pawl, ir-Rabat) kien hemm takkumpanja b'noti sagri u devoti l-mużika mill-isbaħ tas-surmast Dr. Paolo Nani. .... Lorenzo del Riccio kanta s-Salve Regina tant sabiħa, mużika ta' l-imfaħħar Mro. Nani.... Mużika devota ħafna (instemgħet waqt il-quddiesa solenni) magħmula mill-professuri [28] - kollha tat-Teatru Rjal [29-30]
Fl-4 ta' dax-xahar (Awissu 1859) kien iċċelebrat b'pompa l-aktar solenni l-jum festiv tal-Gran Patrijarka San Dumnku fil-Bażilka u Knisja Parrokkjali ta' Portu Salvu fil-Belt Valletta.... Nixtieq nerġa' nfakkar lil dawk li attendew in-noti melodjużi taċ-ċelebri surmast Vincenzo Bugeja. L-antifona ġdida miktuba apposta nisslet ferħ kbir fl-udjenza kollha.[31] Din l-antifona hi waħda mill-aħħar xogħlijiet li kkompona Vincenzo Bugeja.

## MEWT VINCENZO BUGEJA


Il-Bust ta' Vincenzo Bugeja

Vincenzo Bugeja miet is-sena ta' wara, fl-20 ta' Ottubru, 1860. Missieru miet ta' età żgħira, ta' sitta u ħamsin sena. Vincenzo miet ta' età iżgħar għax kellu biss erbgħa u ħamsin sena. L-antifona ta' San Duminku, *Piet Pater*, li nstemgħet għall-ewwel darba fis-sena 1859 kienet it-tieni waħda għal din il-festa. L-oħra, u aktar magħrufa, kitibha fl-1848. L-unika knisja oħra li għaliha kkompona żewġ antifoni hi dik tal-Floriana u t-tieni waħda, magħrufa bħala l-antifona l-ġdida, kitibha, bħat-tieni waħda ta' San Duminku, ftit xhur qabel ma miet. Qisu ried jagħti l-aħħar rigal liż-żewġ parroċċi li magħhom kellu rabta qawwija - ta' Porto Salvo, il-parroċċa fejn tgħammed u għex, u tal-Floriana, fejn għexet qabel iż-żwieġ il-mara tiegħu u li anki minn qabel ma saret parroċċa diġà kienet ħatritu *meastro di cappella* tagħha [32] u qatt ma bidlitu.
L-antifoni huma fost l-aħjar kreazzjonijiet li għandu Vincenzo Bugeja fil-prodott tiegħu li, kollox ma' kollox, hu dak normali ta' mużiċista fil-professjoni ta' *maestro di cappella*. Il-binja ta' l-antifoni hi sintesi ta' l-istil tiegħu. Hu stil teknikament sempliċi, bil-forma preferuta dik binarja fejn t-tieni parti hi qrib ħafna l-ewwel waħda u fejn l-aktar element importanti hu l-melodija, bl-interess mużikali miżmum bis-sbuħija tagħha, b'modulazzjonijiet mhux frekwenti tal-kjavi oriġinali, u b'tidbil studjat fis-sonorità tal-vuċijiet. Eżempji eċċellenti ta' l-istil tagħtihulna l-antifona *Joseph fili David*, miktuba fl-1852 għal tenur u baxx solisti, kor maskili bi tliet vuċijiet u orkestra magħmula minn żewġ vjolini, flawt, żewġ obwi, żewġ klarinetti, żewġ korni, tromba, tliet trumbuni, tuba u kuntrabaxx.[33]
Introduzzjoni orkestrali qasira tgħaddi għall-ewwel parti li tikkonsisti f'ħames sezzjonijiet qosra u varji. Tibda b'melodija kantata mill-kor biex wara jidħol it-tenur solista jkanta tema oħra li jirrepeti bl-akkumpanjament ta' risposti mill-kor. Il-melodija sinkopata tas-sezzjoni ċentrali ta' l-ewwel parti hi mogħtija lill-orkestra bil-kor jipprovdi akkumpanjament għaliha. Issa l-interess jintefa' fuq il-baxx solista li jkanta melodija li hi varjazzjoni ta' dik li kanta t-tenur. Fl-aħħar sezzjoni jerġa' jidħol i-kor li jgħaqqad flimkien ħafna mill-ideat li smajna qabel u jġib fit-tmiem l-ewwel parti. Fit-tieni parti, ir-ripetizzjoni ta' l-ewwel parti, l-ideat tematiċi jibqgħu l-istess iżda l-modulazzjonijiet tal-kjavi jġibu tibdil fl-iskema tal-vuċijiet li kien hemm fl-ewwel sezzjoni. L-oriġinalità tal-kompożizzjoni qiegħda fil-kjavi li bihom jibdew iż-żewġ partijiet. L-ewwel parti tibda bil-kjavi tonika - il-mi bemoll maġġuri - u timmodula, fil-manjiera normali tal-kjavi tad-dominanti, is-si bemoll. Fit-tieni parti suppost jiġri l-kuntrarju - suppost tibda fil-kjavi li spiċċat biha l-ewwel parti, f'dan il-każ is-si bèmoll maġġuri, u timmodula għall-kjavi oriġinali, il-mi bemoll maġġuri. Imma minflok li jagħmel hekk, Bugeja jerġa' jibda t-tieni parti bil-kjavi oriġinali, il-mi bemoll maġġuri, u jimmodula għall-istess kjavi, il-mi bemoll maġġuri.
L-orkestrazzjoni ta' *Joseph fili Dàvid*, kif tabilħaqq hi fil-prodott tiegħu kollu, hi msejsa l-aktar fuq ħoss l-korda, bl-isturmenti ta' l-injam jieħdu t-tieni post. Tar-ram huma preżenti wkoll imma l-preżenza tagħhom rari tiddomina. Użati l-aktar biex jaċċentwaw frażijiet testwali jew mużikali importanti jew biex iwessgħu kultant il-kuluri orkestrali u jqajmu interess mużikali ġdid.
Naturalment hawn qegħdin nitkellmu fuq il-prodott kif ħareġ mill-pinna ta' Vincenzo Bugeja. Kif diġà t

għedna, il-Kappella Bugeja kienet tagħmel użu mill-kompożizzjonijiet miktuba fi żminijiet diversi minn kompożituri diveri tal-familja Bugeja u xogħol 'antik' mhux l-ewwel darba ġie 'editjat' biex jikkonforma ma' ħtiġijiet kurrenti. B'hekk id-disinn tal-kompożitur oriġinali maż-żmien ftit jew wisq jinbidel. Wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' Vincenzo Bugeja hu s-salm *Dixit Dominus* li għalkemm bla data juri l-maturità ta' xogħlijiet bħal ta' l-innu tat-tridu ta' San Duminku ta' l-1854 u tal-moviment mill-*Gloria* tal-quddiesa. *Qui tollis*, miktub għal terżett ta' vuċijiet solisti fl-1855. Id-*Dixit Dominus* hu miktub għal tliet vuċijiet solisti (tenur prim, tenur sekond u baxx), kor ta' tliet vuċijiet u orkestra. It-tifel ta' Vincenzo, Riccardo, li wiret il-Kappella, għamel l-orkestrazzjoni aktar drammatika billi kabbar il-ħoss ta' l-istrumenti tar-ram. Madwar l-1910, biex jikkonforma mar-riforma fil-mużika sagra li daħlet f'Malta bħala riżultat tal-*Motu Proprio* tal-Papa Piju X, ix-xogħol ġie irranġat f'moviment wieħed minn Giuseppe Abdilla, ħu l-mara ta' Riccrdo u kuntrapuntist mill-aqwa. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, Ċensinu Bugeja, bin Riccardo, qassru biex ikun jista' jsir fi żminijiet moderni. Fl-aħħar nett, Patri Salv Galea, id-direttur preżenti tal-Kappella, addatta x-xogħol għal kor imħallat. Id-*Dixit Dominus* kif isir illum hu differenti ħafna minn kif kitbu Vincenzo Bugeja.

Vincenzo Bugeja kiteb mill-anqas sittax-il antifona [34] li ħdax minnhom kitibhom wara l-1844, u ladarba antifona tinkiteb għal xi festa partikolari, dawn jixhdu l-espansjoni fis-servizzi li bdiet tagħti l-*Cappella* Bugeja fil-parroċċi ta' Malta minn dik is-sena. Il-konsolidazzjoni u l-firxa tal-kappella, mibdija minn missieru, hu merti tiegħu, u ddependew l-aktar mhux mill-vantaġġ li kiseb meta l-Kaptilu tah il-ħatra li kellu missieru, għalkemm din żgur kienet ta' għajnuna, imma fuq il-mużika li kiteb.

Saru ħafna kummenti dwar din il-mużika u kollha ta' approvazzjoni. Ingħad pereżempju li hu qatt ma ħallat il-ġeneru mużikali profan ma' dak sagru, [35] li l-istil antik ġabu fi stil modern mingħajr ma pprofona d-dar t'Alla, [36] li ħalla tinħatt id-distanza li hemm bejn l-entużjażmu tad-dinja u l-ħemda tat-tempju, bejn l-ispettaklu brillanti materjali u l-ġmiel sublimi tas-sema. [37] Imma l-mużika ta' Bugeja, minnha nfisha, hi mużika tat-teatru. Il-ġenju ta' Bugeja kien li jagħti sura ta' mużika sagra lill-mużika purament operistika u kontemporanja, bħalma kienet ta' Bellini, ta' Donizetti, u wkoll ta' Paolo Nani. Għamel dan billi neżżagħha minn kull melodramma, tempijiet mgħaġġla u ornamenti elaborati biex b'hekk toħroġ aktar il-melodija pura. Saħħaħ il-primat tal-vuċi billi ssimplifika l-orkestrazzjoni bl-importanza tingħata lill-istrumenti tal-korda u taha l-aktar forma sempiċi li seta'. Difatti ma jidhrix li fil-prodott sagru tiegħu, Bugeja għandu xi fugi jew kanoni. Il-kumplikazzjonijiet tal-kuntrapunt huma mwarrba għal kollox.

Il-mistoqsija hawn issir jekk din kinitx għażla maħsuba jew riżultat ta' nuqqas ta' teknika fil-kitba tal-komplessità ta' kuntrapunt. X'aktarx hi aktar ta' l-ewwel milli tat-tieni. Għax tnejn mill-maestri tiegħu fil-Conservatorio San Pietro a Majella kienu Francesco Ruggi u Ruggero Raimondi tnejn mill-aqwa kuntrapuntisti ta' żmienhom u allura żgur li ħarrġuh f'din it-teknika ta' kompożizzjoni. Bugeja jidher li aktar mexa fuq l-eżempju ta' maestro ieħor li kellu fil-konservatorju. Niccolò Antonio Zingarelli, li kien jemmen li l-mużika sagra għandha tenfasizza r-riti sagri u mhux tinqeda bihom. Hu x'inhu, il-mużika li kiteb dejjem tfaħħret u ttieħdet bħala xempju ta' kif kellha tkun il-mużika sagra. Naturalment, il-fatt li l-kompożizzjonijiet ta' Paolo Nani qajmu tant kontroversja, żiedu mhux biss it-tifħir ta' din il-mużika imma wkoll, u dan forsi aktar ta' ħtieġa għall-kompożitur innifsu, in-numri ta' kummissjonijiet li beda jirċievi.

Vincenzo żżewweġ lil Antonio Naudi mill-Floriana [38] fid-19 ta' Lulju, 1842, jiġifieri meta kellu sitta u tletin sena. Miż-żwieġ twieldu ħamest itfal li t-tieni wieħed minnhom, Riccardo, kien dak li wiret il-*Cappella Bugeja*.

## RICCARDO BUGEJA

Riccardo Bugeja twieled fil-25 ta' Ottubru, 1844, u meta miet missieru, fl-20 ta' Ottubru, 1860, kellu biss sittax-il sena. Iżda jidher li mill-bidu ta' ħajtu wera xeħta għal dak li kien jagħmel missieru tant li dan tah l-ewwel lezzjonijiet fil-mużika. Mal- mewt ta' missieru inkiteb li...... l-Isqof maħbub tagħna diġà ħaseb biex is-suċċessur tiegħu (bħala *maestro di cappella* tal-Katidral) ikun ibnu - li jrid itemm l-istudji tiegħu f'Napli li sejjer iħallashomlu l-Isqof stess. [39] Bil-għaqal kollu (l-Isoqf Monsinjur Gaetano Pace Forno) offra dan l-impjieg li hu mejjet, sakemm jikber ibnu - li bħalma jgħidu beħsiebhom jibagħtuh jistudja l-mużika fil-fuq

kulleġġ ta' Napli, spejjeż tal-Kaptilu. Is-Sur Filippo Bugeja irrofta dal-post, u l-Monsinjur Isqof tah għal xi żmien lill-Avukat Giuseppe Vella. [40]
Fl-24 t' Ottubru, 1860 erbat ijiem wara l-mewt ta' Vincenzo, l-Isqof innomina lil Giuseppe Vella *maestro di cappella* tal-katidral u tal-konkatidral. [41]
Sentejn wara, meta kellu sbatax-il sena, Riccardo siefer Napli biex jistudja fil-*Conservatorio San Pietro a* Majella. Fil-Konseratorju, Riccardo sudja taħt Benjamino Cesi, Paolo Serrao (1830-1907) u speċjalment Saverio Mercadante (1795-1870). Ingħad [42] li malajr sar wieħed mill-istudenti favoriti ta' Mercadante, li kien għama kompletament għal nofs l-1862, tant li s-sinfonija *Il lamento del barbaro* ddettaha lilu. [43]. Sa ma Riccardo ġie lura Malta f'Awissu ta' l-1869, il-*cappella Bugeja* kienet f'idejn Filippo Bugeja (1809-1891) it-tielet u l-iżgħar tifel ta' Pietro Paolo. Għalkemm kien iqis lilu nnifsu bħala *meastro interino*, irnexxielu mhux biss iżomm għolja l-popolarità tal-*cappella* imma jaqla' wkoll it-tifħir ta' l-istampa:
Is-Sibt li għadda (10 ta' Awissu, 1861) jum it-tifkira tal-martri kbir San Lawrenz, titular tal-Knisja Kolleġġjata u Parrokkjali tal-Birgu..... il-mużika armonjuża taċ-ċelebri mejjet Surmast Vincenzo Bugeja kienet esegwita b'mod tal-għaġeb b'orkestra sħiħa mis-Surmast Filippo, ħuh bravu. [44]
Il-mużika (waqt l-istess festa imma tas-sena ta' wara) tal-mejjet Surmast Vincenzo Bugeja kienet mill-aqwa, diretta mill-bravu Surmast Filippo, ħuh. [45]
Kien fi żmienu, għal nofs is-sittinijiet, li ħarġu l-partiti tan-Nanisti u tal-Bugejisti fil-beraħ.


Riccardo Bugeja

## BEATI PUBLIJI NAWFRAGUM


L-Isqof Gaetano Pace Forno

Hekk kitbet il-*Corriere Mercantile Maltese* ta' l-10 ta' Jannar, 1874:
Diġà ilna erba' jew ħames snin nitkellmu dwar u niddeploraw ċerti piki li dehru bejn in-Nanisti u Bugejisti, mistmerra wkoll minn dawk kollha li jħobbu verament lil art twelidhom u jistmaw il-mertu jkun fejn ikun jinstab. [46]
Id-dehra ta' dawn iż-żewġ partiti li nħolqu biex juru min kellu l-aħjar mużika u kappella, jekk hux il-familja Nani jew il-familja Bugeja, kienet waħda mill-fenomeni l-aktar interessanti.

### IT-TWELID TAL-PARTITI

Mhux ta' b'xejn li għal partit kienet ġrajja imporant r-rappreżentazzjoni ta' l-opra ta' Antonio Nani *Zorilla* f'Malta wara li kienet diġà saret f'Napli. Il-fatt li Riccardo Bugeja kien għadu ma kiteb l-ebda opra [73] ta l-opportunità li jiġi mżeblaħ il-partit tal-Bugejisti:
Kif il-bravu Surmast Anton Nani ħareġ mit-teatru l-Ħadd li għadd (18 ta' Jannar, 1874, wara l-ewwel rappreżentazzjoni ta' l-opra *Zorilla*) sab ħafna nies biex jilqgħuh u jwassluh sa daru u japplawduh bl-aqwa mod possibbli. Sa hawn kollox mar tajjeb - ħaġa sewwa li kompożitur żagħżugħ daqshekk bravu jiġi onorat. Iżda xi individwi, fosthom xi xewwiexa ta' kundizzjoni soċjali tajba, ħasbu biex imorru ħdejn id-dar ta' surmast ieħor u bdew jinsultawh bi kliem mill-aktar baxx. [74] Dan mhux sew; l-ewwelnett hu prinċipju li nies edukati m'għandhom

jinsultaw lil ħadd; imbagħad il-mertu ta' wieħed ma jnaqqasx dak ta' ieħor. [75]
Minflok ma kkalma, il-partiġjaniżmu aktar saħan: Il-bieraħ kelli nassisti għal xena tassew iddardar bejn ċerti sinjuri jargumentaw b'leħen għoli u bi kliem vulgari - f'nofs it-triq -dwar il-prinċippji magħrufa tan-Nanisti u tal-Bugejisti. In-nies għaddejja wriet id-diżapprovazzjoni b'tisfir li jtarrax... F'ġieħ l-erwieħ, nagħmlu karità magħna nfusna! Ejjew ma naqbżux il-limiti b'esaġerazzjonijiet redikoli u gwerer bla sens, X'Nanisti! X'Bugejisti! F'Malta Maltin biss għandu jkun hawn. [76-77]
M'hemmx dubju li l-partiti offrew vantaġġi kemm lil Riccardo Bugeja u kemm lil Paolo Nani. Minħabba fihom il-kappillani, il-kleru, u l-prokuraturi kienu jħossu pressjoni diretta u psikoloġika jew biex, sena wara sena, ikomplu jikkummissjonaw l-istess *maestro di cappella* jew biex jintrodużu l-mużika li jrid partit fil-knejjes tagħhom. Din is-sitwazzjoni għamilha ċara Dun Calcedonio Schembri, ftit wara li laħaq kappillan ta' l-Imsida, fl-ittra li bagħat, fis-7 ta' Ġunju, 1901, lill-Isqof Pietro Pace fejn fissirlu r-raġunijiet li wassluh biex jitlob, għall-ewwel darba mit-twaqqif tal-parroċċa fl-1867, il-permess ħalli jaħtar immedjatament *maestro di cappella* tal-fiss:

.... il-bdil kull sena tad-direttur hu kawża ta' nuqqas ta' qbil u ħafna lmenti... Biex nelimina għal kollox kwalunkwe partit .... beħsiebni naħtar *maestri di cappella* permanenti... Tkellimnt ma' ħafna parruċċani li kollha qablu li għandi nagħżel bħala maestri di cappella lis-Sur Riccardo Bugeja.... Biex inkun ċert mill-pożizzjoni, jien tlabt lill-imsemmi maestro di cappella biex, permezz ta' att notarli, jintrabat li kull sena jipprovdi l-mużika għall-ħlas li jidhirli li hu ġust. Dan l-att jinsab mehmuż ta' din l-ittra. [78]

Is-saħħa tal-pariti kienet ukoll iddgħajjef is-saħħa tal-Knisja li tieħu miżuri ħalli jinqerdu dawk li jidhrilha kienu abbużi fil-mużika liturġika. Mhux fil-gazzetta *Fede ed Azione* biss kienu jidhru l-ilmenti. Dak li deher f'*Lo Smascherato* kien tipiku:

Ma nistax nifhem kif nippretendu li fid-djar t'Alla jidwu l-ħsejjes li jfakkru fl-imħabbiet ħżiena ta' xi *Traviata* miġnuna, ta' xi mara adultera, ta' xi qattiel krudil.... M'aħniex bihom inżebilħu d-dar t'Alla li jista' kollox? [79]

## IS-SINFONIJI TAL-BIDU

Operistiċi kienu jkunu wkoll il-preludji orkestrali [80] li kienu jindaqqu qabel tibda xi funzjoni liturġika importanti. Is-sinfoniji li bdew jiktbu l-maestri di cappella għal dan l-iskop kellhom lingwaġġ purament operistiku. Eżempju huma dawk ta' Paolo Nani, fosthom is-sinfonija *La Bizzarra* u s-sinfonija *Il Naufragio di S. Paolo*, u s-sinfonija *Cordelia* ta' Riccardo Bugeja.
Il-Kappella Bugeja kienet tagħmel il-festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla u Riccardo Bugeja beda l-primi vespri miżmuma fis-7 ta' Diċembru, 1896, bl-esekuzzjoni tas-sinfonija mill-opra - ballu *Il Guarany* ta' Carlos Gomes. Il-mużika waqt it-translazzjoni u l-vespri kienu 'kantati minn kważi għoxrin vuċi u akkumpanjati minn orkestra l-aktar piena u solenni. [84] L-orkestra bilfors kellha tkun kbira biex setgħet tinterpreta s-sinfonija tal-*Guarany*.
L-isqof, Mons. Pietro Pace, ħass li kellu jieħu azzjoni ħalli jipprova jwaqqaf din it-tibdila tal-korsija tal-knsija fi *platea* ta' teatru. Fil-11a.m., tat-22 ta' Diċembru, 1896, iltaqa' fil-palazz arċiveskovili mas-surmastrijiet ewlenin Riccardo Bugeja, Achille Malfiggiani, [85] Paolo Nani, Paolino Vassallo, u Giuseppe Vella. Id-diskussjoni kienet dwar l-esekuzzjoni ta' sinfoniji mill-opri fil-knejjes li kienu qed ifixklu lill-fidili. Wara li xi wħud taw xi spjegazzjonijiet lill-isqof, is-surmastrijiet telqu. [86]
L-effett li kellha din il-laqgħa kien ftit li xejn. Riedu jgħaddu ħafna snin sa ma bidliet radikali dehru fil-mużika li kienet tinstema' fil-knejjes Maltin. U kellu jkun *Motu Proprio* tal-Papa biex ta bidu għalihom.
L-istess sitwazzjoni tapplika għall-Kappella rivali. Sal-1860, il-Familja Bugeja setgħet tiftaħar b'mija u sitta u għoxrin kompożizzjoni, sebgħa u sebgħin ta' Pietro Paolo, li miet fl-1828 u disgħa u erbgħin ta' Vincenzo li miet fl-1860. [90]
Naturalment, is-surmastrijiet li twieldu wara komplew jiktbu. Anton Nani kiteb madwar erbgħin xogħol liturġiku, aktar minn nofshom bejn l-1864 u l-1874 meta missieru kien qiegħed jintroduċih fil-Kappella. Wara li ġie aċċettat, ma ħass l-ebda ħtieġa biex jikteb b'mod regolari għax il-Kappella kellha xogħlijiet biżżejjed għall-ħtiġijiet tagħha. Riccardo Bugeja għandu ħamsa u sittin xogħol liturġiku, ħmistax minnhom il-propju ta' festi differenti. Jekk ngħarblu l-prodott tiegħu, jidher biċ-ċar li huwa wkoll kien jistrieħ ħafna

dak li kitbu s-surmastrijiet ta' qablu biex imexxi l-Kappella.

Din id-dipendenza fuq xogħlijiet miktuba għexieren ta' snin qabel ma kinitx tfisser ħaġa oħra għajr nuqqas ta' kitba innovattiva fil-mużika liturġika Maltija.



**L-Orkestra Kappella Bugeja waqt il-Festa flimkien mal-Kor Ġesù Nazzarenu waqt il-Pontifikal**

## RIFERENZI


11. The Malta Mail, 22 ta' Diċembru, 1843, p. 2.
12. *L'Osservatore Maltese*, 1 ta' Jannar, 1844, p. 319 - 324.
13. *L'Osservatore Maltese*, 19 ta' Lulju, 1844, p. 420.
14. *Il Portafoglio Maltese*, 7 ta' Awissu, 1844, p. 3224.
15. *L'Osservatore Maltese*, 8 ta' Awissu, 1843, p. 238.
16. Il-funeral kien dak tal-Kardinal Fabrizio Sceberras Testaferrata li miet 'Sinegalja fit-2 ta' Awissu, 1843. Il-quddiesa funebri saret fit-2 ta' Settembru fil-konkatidral.
17. *L'Osservatore Maltese*, 7 ta' Settembru, 1843, p. 265.
18. *L'Osservatore Maltese*, 30 ta' Marzu, 1844, p. 370.
19. Kellu dsatax-il sena. B'hekk mexa fuq l-eżempju ta' nannuh Angelo u zijuh Emanuele li t-tnejn iżżewġu qabel għalqu l-għoxrin sena.
20. Clare Arthur. G. (1988), p. 133-147.
21. Fil-faċċata tat-titlu ta' din l-antifona, li tagħmel parti mill-arkivju li hemm fil-Mużew tal-katidral (Manuskritt Nru. 1591), hemm miktub: *Non enne accettata dal Capitolo della Valletta che continuarono a richiedere sempre la prima antifona originale che il-Dottor Paolo Nani com pose nel 1840.*
22. Biex ngħid hekk mingħajr din l-antifona l-festa tkun tilfet isimha!
23. Magħrufa bħala l-antifona l-antika.
24. Pereżempju: *il-vecchio Maestro... volle subito i soccorsi della Religione, da lui tanto amata....; ... la sua edifacante pietà, che era li sintesi della sua lunga vita, sempre eminentemente cristiana.* Farrugia Luigi, (1904) p. 19.
25. Kantant Taljan ta' l-opra b'vuċi baxxa mill-isbaħ. Kien magħruf ħafna sew fit-Teatru Manoel u sew fil-knejjes. Għal aktar tagħrif dwar, ara: d'Anastas Noel. (1993a) pp. 29, 37.
26. Luigi Grech Grandolini. Wieħed mill-aħjar tenuri li qatt twieldu Malta. Kien ukoll kompożitur u *maestro di cappella.*
27. *L'Osservatore Maltese,* 17 ta' Settembru, 1845, p. 637.
28. Kelma li hawn tirriferi għall-mużiċisti (stumentalisti u kantanti).
29. Isem ieħor tat-Teatru Manoel.
30. *L'Ordine Giornale Politico-Religioso,* 30 ta' Mejju, 1856, p. 4726.
31. *Il Portafoglio Maltese*, 6 ta' Awissu, 1859, p. 3.
32. Friggieri Oliver, (1997) p. 42.
33. Fit-teżi ta' Micallef Rosemarie, (1989), pp. 64-70, hemm analiżi aktar dettaljata ta' din l-antifona sabiħa.
34. Sittax huma dawk imniżżla fil-lista ta' xogħlijiet ta' Bugeja mogħtija fit-teżi ta' Micallef Rosemarie. (1989), pp. 84-87. Iżda għandu antifoni oħra li ma jinstabux fil-lista. Pereżempju, *L'Osservatore Maltese,* tat-23 ta' Awissu, 1844, p. 437, issemmi l-antifona *Levita Laurentius,* miktuba espressament għall-festa titualri tal-Birgu ta' l-1844, li mhix imniżżla.
35. Anon. *Cenni storici sulla vita del maestro di cappella Vincenzo Bugeja Maltese* (Malta, 1861) p. 39.
36. *Il-Ħabbar Malti*, 31 ta' Ottubru, 1860, p. 2.
37. Nicola Zammit, *'Biografie'*, *l-Arte*, 7 ta' Novembru, 1864, p. 5 ikkwotat fil-ktieb ta' Friggieri Oliver: Żewġ Artisti fil-Floriana (1997) p. 41.
38. Friggieri Oliver, (1997) p. 42.
39. *Portafoglio Maltese*, 24 ta' Ottubru, 1860, p. 4.
40. *Il-Ħabbar Malti*, 31 ta' Ottubru, 1860, p. 2.
41. Bruni Franco (1997), p. 4.
42. Mifsud Bonnici Rob., (1951), p. 34.
43. Hu fatt magħruf li Mercadante kkompona l-aħħar xogħlijiet tiegħu, fosthom *Il lamento del bardo* (1862) u *Sinfonia dedicata a Rossini* (1864), billi kien jiddettahom lill-istudenti li kellu fil-konservatorju. Ara *The New Grove s.v. Mercandant*, (Giuseppe) Saverio.
44. *Il Portafoglio Maltese*, 14 ta' Awissu, 1861, p. 3.
45. *Il Portafoglio Maltese*, 13 ta' Awissu, 1862, p. 3.
46. A *"Corriere Mercantile Maltese"*, 10 ta' Jannar, 1874, p. 2.
73. U qatt ma kiteb.
74. Dan is-surmast kien Riccardo Bugeja. Il-familji Bugeja u Nani t-tnejn kienu joqogħdu l-Belt Valletta.
75. *Corriere Mercantile Maltese*, 20 ta' Jannar, 1874, p. 1.
76. *Corriere Mercantile Maltese*, 18 ta' Frar, 1874, p. 2.
77. Ħafna mill-ġurnali ta' l-epoka kkummentaw fuq dawn il-partiti. Ara, pereżempju, *Lo Smascherato*, 28 ta' Marzu, 1874, p. 4.
78. Arkivju Kurja Floriana, *Supplicationes, Miscellanea*, Kaxxa 70, Nru. 125.
79. *"Lo Smascherato"* l-10 ta' Jannar, 1874, p. 3.
80. Qabel kien magħruf bħala *sinfonia da chiesa.*
84. *Malta Tagħna*, 12 ta' Diċembru, 1896, p. 2.
85. Achille kien wieħed miż-żewġt itfal ta' Giuseppe Malfiggiani li kien miet fit-22 ta' Ottubru, 1893. Bħal missierhom, it-tnejn kienu mużiċisti. Imma kien il-kbir, Achille, li kien wiret ħafna mill-knejjes li tagħhom missieru kien maestro di cappella. Waħda minn dawn kienet il-parroċċa taż-Żurrieq. Ara Mangion Anthony u Karmenu Zerafa, (1989), p. 227.
86. *L'Ordine*, 24 ta' Diċembru, 1896, p. 3

Il-kundizzjonijiet familjari huma fattur kritiku ieħor li għen biex jispjega l-ostinazzjoni murija minn Riccardo Bugeja u Anton Nani fil-konfront ta' l-awtoritajiet tal-knisja. It-nejn li huma żżewġu ta' età avvanzata. Riccardo żżewweġ lil Elena Abdilla, mill-Floriana, fis-27 ta' Novembru, 1902, meta kellu tmienja u ħamsin sena. L-uniku wild li kellu miż-żwieġ tifel li semmieh Ċensinu, twelidlu tmien snin wara, fl-24 ta' Mejju, 1910. Anton Nani żżewweġ lil Carmela Mifsud, miż-Żejtun, fit-2 ta' Lulju, 1904, meta kien għalaq wieħed u sittin sena. Twildulu żewġt itfal, l-ewwel tifla u fit-23 ta' Diċembru, 1906, tifel li tawh l-isem ta' Paul. Meta xxandar u beda jseħħ il-Motu proprio, iż-żewġ maestri, it-tnejn relattivament anzjani, x'aktarx ħassew li ma kellhomx għalfejn jieħdu azzjoni deċisiva la darba sa dak iż-żmien ma kellhomx min jiret il-Kappella. Jekk ukoll, minħabba l-età avvanzata, ma kinux qed jitilfu l-interess fiha u riedu jinqdew bis-sitwazzjoni biex iwarrbu minnha, ħaġa li ma setgħux jagħmlu f'qagħda normali minħabba l-partiti.
M'għandniex naħsbu li, għax il-partiti kienu jitqabdu u jitmasħnu bejniethom, iż-żewġ surmastrijiet kienu miġġielda u ma jitkellmux. Anzi kif dawn imxew meta feġġ il-*Motu proprio*, bit-tnejn fil-bidu ma jieħdu l-ebda azzjoni, imbagħad jeħduha bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien, jista' juri xi ftehim. Wara kollox, iż-żewġ familji kienu jafu lil xulxin sew. It-tnejn kienu mill-Belt Valletta u bħala mużiċisti t-tnejn ħadmu flimkien. Hekk, Pietro Paolo Bugeja u Angelo Nani t-tnejn kienu fl-orkestra tat-Teatru Manoel fl-istaġun 1806-1807 u fi staġuni oħra. Huma wkoll ikkollaboraw fl-1824 meta Bugeja kiteb il-kantata *Il Primo Omaggio* għat-test ta' Cesare Vassallo, b'Angelo Nani jidderieġi l-orkestra. Angelo Nani u ibnu Emanuele t-tnejn kienu vjolinisti fil-Kappella tal-katidral meta Vincenzo Bugeja kien *maestro*. Waqt il-*korteo* funebri għall-kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Riccardo Bugeja żamm wieħed mill-kurduni tal-faldrappa li għattiet it-tebut ta' Paolo Nani.
Iżda minkejja t-taqlib kollu li ġab il-Motu proprio, talanqas wara li s-surmastrijiet tagħhom bdew jiktbu xogħlijiet skond il-parametri tiegħu, ftit kienu dawk il-knejjes li telquhom, speċjalment għall-mużika tal-festa titulari, u qabbdu *maestri di cappella* oħrajn. Riedu jgħaddu numru ta' snin oħra biex dawn il-kappelli komplew tilfu serjament il-klijenti.

*tkompli fil-ħarġa ta' sena oħra*

DRUBI JEANS
OF REGENCY HOUSE
VALLETTA

TEL: 21 247505

MOKA CAFFE
(Prop. E & T. Tabone)
St. Zachary Street, Valletta
Tel: 21237047

Hamburgers - Pastizzi - Qassatat
Meat Pies - Timpani - Cakes
Snacks - Pizza
Cappuccino & Tea

IL-KUMITAT
TAL-FLORIANA
BOĊĊI KLABB
JIXTIEQU L-FESTA
T-TAJBA
LILL-MEMBRI U
IL-FURJANIŻI KOLLHA

JOSEPH JILI & SONS LTD
LISS MINERAL WATER MANUFACTURER & WHOLESALERS
EXPORTERS & IMPORTERS
Office: 77, Market Street, Floriana VLT 14
Warehouse:
10/12 Lascaris Wharf, Lascaris Bld. Valletta VLT 01
Tel: 21230275 / 21239104
Fax: 21241217
Foofstuff Importers/Ship Chandeliers & Wholsalers